MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 2284/1998/1

**Filtons Clothing Co. Limited**

**vs.**

**Sullivan Shipping Agencies Limited u d'digriet tas-27 ta' Jannar 1999 giet kjamata in kawza s-socjeta` "John Abela Limited" u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2000 tali digriet ta' kjamat fil-kawza gie revokat *"contrario imperio".***

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Novembru 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta kienet giet inkarigata mis-socjeta` attrici sabiex tittrasporta merkanzija mill-fabbrika ta' Tessile Tempesti s.a.s. fl-Italja sad-depot tas-socjeta`

konvenuta f'Malta sabiex il-merkanzija wara tingabar mis-socjeta` attrici.

Illi minkejja li in esekuzzjoni tal-kuntratt ta' garr, s-socjeta` konvenuta hadet fil-pussess taghha l-merkanzija lis-socjeta` attrici skond kif kien miftiehem.

Illi minhabba dan l-agir da parti tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici qed issofri danni konsiderevoli, ghal liema danni hija responsabbli biss is-socjeta` konvenuta, minhabba inadempjenza kontrattwali, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali, sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, is-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijet premessi m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta naqset milli tikkonsenja l-istess merkanzija lis-socjeta` attrici skond kif kien miftiehem bejniethom minkejja li din kienet giet assenjata lilha;

2. Tiddikjaraha responsabbli ghad-danni kkagunati minnha lis-socjeta` attrici;

3. Tillikwida d-danni minnha kkagunati lis-socjeta` attrici occorrendo anke permezz ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-1 ta' April 1998 kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta datat 10 ta’ Novembru 1998 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-27 ta’ Jannar 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Limited datata 3 ta’ Dicembru 1998 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, in linea preliminari, l-azzjoni intavolata mis-socjeta` attrici hija preskritta, *ai termini* ta’ l-International *Carriage of Goods by Road Convention* maghrufa wkoll bhala *“CMR Conditions”,* precisament artikolu 32 ta’ l-istess Konvenzjoni, *ai termini* ta’ liema Konvenzjoni ngarret il-merkanzija meritu tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta ma kenitx responsabbli ghall-garr tal-merkanzija u dan ghax il-garr tal-merkanzija kien sar minn kumpanija ohra, ossija John Abela Ltd, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija meritu ta’ din l-kawza ngarret abbazi tas-*“CMR Conditions”* u ghalhekk, japplikaw il-limitazzjonijiet imposti fl-istess Konvenzjoni;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, tas-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Limited u l-lista ta’ xhieda a fol 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Jannar 1999 ta’ din il-Qorti kif attwalment presejduta fejn Dr Robert Tufigno ta ruhu b’notifikat ghas-socjeta` attrici bil-mozzjoni ta’ l-appuntament tal-kawza. Il-partijiet qablu li Malta ma hix firmatarja tal-*“International Carriage of Goods by Road Construction”.* Dr. Francesco Depasquale talab il-kjamat in kawza tas-socjeta’ John Abela Limited. Dr. Tufigno oppona ruhu minhabba li hu m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` in kwistjoni. Il-partijiet qablu wkoll li

s-socjeta` attrici kienet inkarigat ghall-garr lis-socjeta` konvenuta. Dr. Depasquale irrileva li l-kjamat-in-kawza giet inkarigata *"a sua sponte"* mis-socjeta` konvenuta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lil kjamat-in-kawza tas-socjeta` John Abela Limited li ghandha tigi notifikata bic-citazzjoni u bil-mozzjoni ta' l-appuntament a spejjez tas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Mejju 1999 ghan-notifika tal-kjamat-in-kawza u prezentata ta' l-eccezzjonijiet

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta  u cjoe' dawk tal-5 ta' Mejju 1999; tat-8 ta' Lulju 1999;  tal-1 ta' Dicembru 1999; tas-16 ta' Frar 2000; u tal-24 ta' Marzu 2000 fejn Dr. Robert Tufigno ghas-socjeta` attrici talab ir-revoka *"contrario imperio"* tad-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1999 *stante* illi *nonostante* diversi differimenti tali notifika tal-kjamata fil-kawza mis-socjeta' konvenuta baqghet ma saritx. Il-Qorti rat il-verbal ta' l-ahhar tliet seduti u rat li saru zewg tentattivi sabiex il-kjamat in kawza jigi notifikat u fic-cirkostanzi cahdet it-talba. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-kjamat-in-kawza b'dan li jekk sad-differiment li jmiss tali notifika ma ssirx il-Qorti avzat li kienet ser tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 1999 u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti hekk kif presjeduta tal-31 ta' Mejju 2000 (fol. 23) fejn Dr. Tufigno ghas-socjeta` attrici talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' din  il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1999 fejn giet ordnata l-kjamat in kawza tas-socjeta'  John Abela Ltd u dan peress li l-istess kjamat in kawza baqghet ma gietx notifikata. Illi b'digriet taghha ta' l-istess data l-Qorti wara li rat li ilha ma tinhareg notifika mis-7 ta' Dicembru 1999 laqghet it-talba u rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 1999. Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghat-22 ta Gunju 2000;

Rat il-verbal quddiem l-istess Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 15 ta’ Novembru 2000 a fol. 29 tal-process fejn biha ipprezentat ghoxrin dokument immarkati bhala “Dok. A” sa “Dok. T”. (minn fol 30 sa 49 tal-process).

Rat il-verbal tal-15 ta’ Novembru 2000 fejn Dr Robert Tufigno esebixxa nota bid-dokumenti hawn indikati u ghadda kopja ta’ l-istess lid-difensuri tal-kontro-parti; xehdu fl-istess seduta **Frank Farrugia** (prodott mis-socjeta` attrici – fol. 53 sa 70) u **Joe Azzopardi,** (direttur tas-socjeta` attrici - fol 71 sa 77) u Dr Robert Tufigno ghas-socjeta’ attrici iddikjara li m’ghandux aktar provi. Inghata digriet ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-konvenut b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata kollox kif indikat fl-istess digriet datat 15 ta’ Novembru 2000 u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi konvenuti ghad-29 ta’ Marzu 2001.

Rat ix-xhieda ta’ l-istess **Frank Farrugia** u **Joe Camilleri** tal-15 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta’ Marzu 2001 fejn xehed **Gordon Galea** prodott mis-socjeta` konvenuta (fol 79 sa 84) u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-21 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta’ Gunju 2001; tal-20 ta’ Novembru 2001 u tal-5 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2002 mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghall-finalizzazjoni tal-provi kollha tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-12 ta’ Novembru 2002; tal-14 ta’ Jannar 2003 u tat-18 ta’ Frar 2003 fejn xehed **Tonio Spiteri** prodott mis-socjeta` konvenuta (fol. 119 sa 124). Dr. Depasquale informa lill-Qorti li fadallu jipproduci xi dokumenti u talab zmien qasir biex jirregola ruhu u l-kawza giet differita ghas-26 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbal tas-26 ta' Marzu 2003 fejn dehru id-difensuri tal-partijiet u Dr Tufigno permezz ta' nota pprezenta kopja ta' ittra ufficjali ndikata fic-citazzjoni. Il-partijiet inghataw fakolta' ghall-prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet bi zmien tletin (30) gurnata u l-kawza giet differita ghas-7 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fuq talba tas-socjeta` attrici awtorizzat lill-istess socjeta' tipprezenta n-nota sad-9 ta' Lulju 2003 bil-visto tal-kontro-parti li kellha erbghin (40) gurnata ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' Novembru 2003 ghas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta ta' din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta' Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Frar 2004 u l-istess kawza giet fis-seduta tat-13 ta' Frar differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2004.

Rat il-verbal ta' l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 28 ta' April 2004 fejn din id-darba l-kawza giet differita ghall-prezentata tan-nota attrici ghad-9 ta' Gunju 2004.

Rat il-verbal tas-seduta ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' Gunju 2004 fejn Dr Robert Tufigno ghas-socjeta' attrici talab aktar zmien ghal prezentata tan-nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti estendiet iz-zmien sa l-ahhar ta' Lulju 2004 bl-obbligu li jikkonsenja kopja lill-kontro-parti li jkollha sa l-ahhar ta' Settembru 2004 biex jirrispondi u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 2004 ghall-prezentata tan-noti.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-20 ta' Ottubru 2004 (fol 137) fejn deher Dr. Robert Tufigno ghas-socjeta` attrici u pprezenta n-nota t' osservazzjonijiet (fol 138 sa 142). Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Jannar 2005 ghal prezentata tan-nota tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datati 11 ta’ Jannar 2005, tal-4 ta’ Marzu 2005, u tat-8 ta’ April 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet mis-socjeta’ konvenuta.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 13 ta’ April 2005 fejn l-istess socjeta’ konvenuta talbet li tressaq nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri kif indikat fl-istess rikors a fol. 150 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-4 ta’ Mejju 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta` konvenuta talab li f’dak l-istadju jissoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ad tenur ta’ l-artikolu 3 (6) tal-Hague Rules 1924 kif migjuba fil-Kap 140 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 544 (e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dr. Tufigno oggezzjona li dik mhux eccezzjoni ta’ preskrizzjoni. Il-Qorti ddecretat li peress li din l-eccezzjoni hija perentorja fil-mertu, laqghet t-talba u awtorizzat lis-socjeta’ konvenuta tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien sitt ijiem minn dak in-nhar u dan bil-*visto* tal-kontro-parti u l-kawza giet differita ghall-25 ta’ Mejju 2005 ghall-ezami tan-nota.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ghas-socjeta` konvenuta datata 11 ta’ Mejju 2005 a fol 147 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-socjeta` attrici ddekadiet mid-dritt ta’ azzjoni a tenur ta’ l-**artikolu 3 (6) tal-Hague Rules 1924**, kif migjuba fil-**Kap 140 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespoet, l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-**artikolu 544 (e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat id-dikjarazzjoni tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta a fol 148 u 149 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’

Mejju 2005; tal-11 ta' Ottubru 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti, fuq talba tas-socjeta` konvenuta, mhux opposta, awtorizzat l-istess, li sa differiment li jmiss tipprezenta nota responsiva li tkun tirreferi wkoll ghall-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati minnha permezz ta' nota prezentata fil-11 ta' Mejju 2005. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Novembru 2005: u l-verbal tal-15 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-seduta tal-11 ta' Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta` konvenuta talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Dr Robert Tufigno ghas-socjeta` attrici rrimetta ruhu u l-Qorti laqghet it-talba. Dr. Depasquale pprezenta nota t'osservazzjonijiet (fol 156 sa 161) b'kopja lill-kontro-parti. Il-Qorti tat erbghin (40) jum lis-socjeta` attrici biex tipprezenta nota responsiva u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta' Marzu 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2006 fejn deher Dr. Robert Tufigno ghas-socjeta attrici li pprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto tad-difensur tal-kontroparti u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed tallega li kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex l-istess titrasporta merkanzija minn fabbrika l-Italja sad-depot tas-socjeta' attrici f'Malta, sabiex il-merkanzija wara tingabar mis-socjeta' attrici.

Illi bhala fatt jirrizulta li tali merkanzija qatt ma waslet Malta peress l-istess merkanzija ingabret l-ewwel bit-truck tas-socjeta' John Abela Limited bit-trailer No. 098 u l-istess trakk gie misruq wara li d-*driver* tieghu hallieh biex mar jiekol. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta kienet qabdet lis-socjeta' John Abela Limited sabiex tiehu hsieb li ggor l-istess merkanzija ghal hawn Malta, u dan bla ma ikkonsultat mas-socjeta' attrici.

Illi hawn is-socjeta' konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet u l-ewwel wahda hija dik li l-azzjoni hija preskritta skond l-**artikolu 32** ta' l-*International Carriage of Goods by Road Convention.*

Illi din il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni u dan peress li fil-waqt li huwa pacifiku li l-istat ta' Malta ma huwiex firmatarju ta' l-istess Konvenzjoni u fil-waqt li dan ifisser ukoll li l-istess konvenzjoni ma taghmilx parti mill-ligi ta' Malta, jirrizulta li l-partijiet fil-kawza meta dahlu ghal din ir-relazzjoni ta' garr ta' merkanzija bejniethom qatt ma qabblu li jissuggettaw ir-relazzjoni taghhom ghar-regolamenti li hemm fl-istess konvenzjoni, u allura dan ifisser li l-istess regolamenti ta' l-imsemmija konvenzjoni ma japplikawx u lanqas jirregolaw il-kaz in ezami u allura l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta abbazi ta' l-artikolu 32 ta' l-istess ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Illi dan qed jigi sostnut abbazi anke tal-gurisprudenza nostrali fosthom dik konfermata fil-kawza fl-ismijiet **"George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine"** (P.A. (RCP) –12 ta' Dicembru 2001) u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Grima noe vs Saviour Mifsud noe**" (A.K. 27 ta' Dicembru 1991 – Vol. LXXIII.ii.648) fejn inghad illi:-

*"Biex il-konvenzjoni tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk. Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici ... ... u l-Qorti tal-Kummerc, b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi*

*"**Avukat Dr Austin Sammut noe et noe vs Vivienne Bianch et noe**" tat-3 ta' Mejju 1990 u l-"**Avukat Dr Austin Sammut noe et vs James G Gollcher et noe**" tal-10 ta' Mejju 1990."*

Illi dan ifisser li l-unika kaz li fih l-istess **CMR Rules** jirregalaw ftehim bejn il-partijiet huwa biss meta l-istess partijiet jaqblu li l-istess regoli ghandhom japlikaw ghar-relazzjoni ta' bejniethom, u kif inghad fl-ewwel sentenza citata dan huwa *"l-unika mod li japplikaw tali regoli stante li ma jidhirx li tali **CMR Rules** jifformaw per se parti mill-ligijiet nostrali, izda la l-partijiet jaghzlu li tali regoli ghandhom japplikaw ghar-relazzjoni ta' bejniethom, u ma hemm xejn fl-istess regoli kontra public policy, isegwi li l-ftehim bejn l-istess jifforma ligi bejn il-partijiet kontraenti".*

Illi hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenzi **"Tabib Dottor Charles Grixti vs. Paul Abela nomine"** (K. 3 ta' Dicembru 1984) u ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Grima nomine vs Saviour Mifsud nomine"** (A.K. 27 ta' Dicembru 1991).

Illi dan ma huwiex il-kaz odjern u allura l-preskrizzjoni ndikata mill-istess socjeta' konvenuta abbazi ta' l-istess konvenzjoni ma tapplikax ghall-kaz in ezami u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni li din il-Qorti ser titratta hija dik imressqa fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u hija dik fejn is-socjeta' konvenuta qed isostni li l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi ta' **l-artikolu III (6) tal-Iskeda annessa mal-Carriage of Goods by Sea Act – Kap 140** li jippreskrivi li *"f'kull kaz il-vettura u l-bastiment ikun mehlusin minn kull responsabbilta' dwar telf jew hsara kemm-il darba ma' ssir kawza fi zmien sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija jkun imissha giet konsenjata".*

Illi pero' anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda peress li dan il-Kap ma japplikax ghall-kaz in ezami u dan ghaliex l-istess Att japplika biss ghall-kaz ta' garr ta' merkanzija bil-

bahar minn Malta ghall kull port iehor, li certament ma huwiex il-kaz odjern. Ma huwiex lanqas il-kaz li jigu applikati l-istess regoli minhabba dak li s-socjeta' konvenuta ssejjah bhala *lacuna* fil-ligi taghna dwar garr bir-roti u dan ghaliex f'dan il-kaz japplikaw ir-regoli tal-**Kodici Civili.**

Illi l-ahhar eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta hija dik abbazi ta' l-**artikolu 544 (e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta – Il-Kodici tal-Kummerc,** fejn hemm indikat li kull azzjoni ghall-kunsinna ta' merkanzija taqa' bil-preskrizzjoni *"wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment".* Din ukoll ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami peress li fil-kaz in ezami l-ebda merkanzija ma tghabbiet fuq bastiment, ghaliex in effetti il-kaz odjern jittratta dwar merkanzija li nsterqet l-Italja meta kienet fuq trakk. Mhux biss izda jidher car li din il-preskrizzjoni tapplika ghall-kaz ta' kunsinna ta' merkanzija u mhux ghall-kawza ta' danni. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici fin-nota' osservazjonijiet taghha dwar dan il-punt. Ghalhekk anke din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghha tal-11 ta' Mejju 2005 qed tigi michuda. L-argumenti kollha tas-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha dwar dan l-artikolu wkoll qed jigu respinti ghaliex lanqas huwa l-kaz ta' *lacuna* fil-ligi Maltija u dan apparti dak premess.

Illi it-tieni eccezzjoni fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datata 3 ta' Dicembru 1998 hija dik fejn qed jinghad li s-socjeta' konvenuta ma kenitx responsabbli ghall-garr tal-merkanzija u dan ghaliex il-garr tal-merkanzija sar minn kumpanija ohra cjoe' John Abela Limited u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi din l-eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda u dan peress li jirrizulta li s-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex iggor il-merkanzija mill-Italja ghall-Malta u dan kif jirrizulta bl-aktar mod preciz u skjet mix-xhieda ta' Frank Farrugia *commission agent* li qal li kien huwa li

ha hsieb in-negozjati ghall-garr ta’ l-istess merkanzija u dan sehh mas-socjeta’ konvenuta. Ta’ l-istess portata hija x-xhieda ta’ Joe Azzopardi fil-15 ta’ Novembru 2000. Kienet is-socjeta’ konvenuta li minn jeddha qabdet hija lis-socjeta’ John Abela Limited sabiex iggib il-merkanzija mill-Italja, izda dan ma jfissirx li b’daqshekk is-socjeta’ konvenuta helset b’xi mod mill-obbligi taghha ta’ garr ta’ merkanzija *verso* s-socjeta’ attrici.

Illi ma hemm ebda dubju f’dan il-kuntest li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghan-nuqqas abbazi tal-principju kostanti enuncjat f’diversi sentenzi fosthom **“Reginald Micallef *nomine vs* Godwin Abela *nomine”*** (A.K. 16 ta’ Marzu 1992 – LXXV.ii.430) u **“Marianno Sare’ vs Antoine Ellul”** (A.C. 12 ta’ Gunju 1953 – XXXVII.i.197) fejn inghad li:-

*“Id-debitur jibqa’ dejjem responsabbbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b’mod li huwa jibqa’ dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta’ terzi persuni imqabdin minnu”.*

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta f’dan il-kuntest u dan peress li l-unika relazzjoni guridika li kien hemm kienet biss dik bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta abbazi ta’ relazzjoni kuntrattwali hemm milhuqa. Il-fatt li l-istess socjeta` konvenuta inkarigat lil socjeta’ ohra sabiex iggorr l-istess merkanzija ma jfissirx li l-istess socjeta’ hemm inkarigata mis-socjeta’ konvenuta holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-socjeta` attrici. Dan anke *in vista* tal-fatt li l-inkarigu tas-socjeta’ attrici sar direttament u esklussivament mas-socjeta` konvenuta u mkien mill-provi prodotti ma jirrizulta li s-socjeta’ attrici tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta’ konvenuta tinkariga terzi sabiex igorru l-istess merkanzija.

Illi hija korretta f’dan is-sens l-osservazzjoni tas-socjeta’ attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha li “*jekk biex onorat l-obbligi taghha taht il-kuntratt ta’ garr is-socjeta’*

*konvenuta qabdet 'sub-contractor' dan ghamlitu minn jeddha minghajr ma kien hemm xi ftehim dwar dan. Ghalhekk ma tistax tezonera ruhha mill-obbligi taghha lejn is-socjeta' attrici billi tghid li mhix hi garret il-merkanzija izda is-sub-contractor taghha. Din hija res alios fil-konfront tas-socjeta' attrici".*

Illi dan huwa wkoll konfermat minn dak li nghad fis-sentenza **"Benjamin Bonnici *nomine vs* Francis Vella *et nomine*"** (Citaz. Numru. 1083/92/JF - P.A. (JF) - 30 ta' Ottubru 2000):-

*"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz is-socjeta' speditrici) *- m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … ... kif kienet tenuta li taghmel … … ... Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ... ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'".*

Illi fis-sentenza "**Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd**" (P.A (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) fejn saret referenza ghas-sentenza fuq citata inghad ukoll:-

*"Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata,*

*indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata. ("***Mamo vs Abela nomine***" *- A.C. 4 ta' Frar 2000).*

Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni *stante* li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija kien proprju dak bejn s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' citata fl-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tas-socjeta' attrici f'din il-kawza. (**"George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine"** (P.A. (RCP) –12 ta' Dicembru 2001).

Illi jinghad ukoll li minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi bhala agent, anzi l-provi huma proprju u kollha kemm huma li l-unika relazzjoni guridika pertenti ghal din il-kawza hija dik bejn is-socjeta' attrici u dik tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar kif gara l-kaz jirrizulta li dan sehh wara li s-socjeta' konvenuta marret biex tigbor il-merkanzija tard u wara li ngabret il-merkanzija minghand is-socjeta' esportatrici, sewwieq tat-*trailer* tas-socjeta' John Abela Limited, imqabbda mis-socjeta' konvenuta, halla t-trakk wahdu sabiex imur jiekol, u meta rritorna sab l-istess trakk vojt, agir certament negligenti li certament mhux dak indikat bhala grad ta' diligenza skond l-**artikoli 1899 u 1900 tal-Kap 16.** Ma' hemm l-ebda dubju li ghal dan l-agir ghandha tirrispondi s-socjeta' konvenuta.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghas-sentenza "**"Paul Musu`** ***et vs*** **Francis Vella** ***nomine"*** (A.C. 4 ta' Dicembru 1998 - LXXXII.ii.1336) fejn inghad li:-

*"Din il-Qorti allura ma tistax ma taccettax il-konkluzjoni ta' L-Ewwel Qorti li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tezimi lilha nfisha mir-responsabbilita' ghall-akkadut. Mhux biss, indubbjament ghax ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta, in kwantu hu*

*ma din is-socjeta' li kien finalizzat il-kuntratt ta' trasport; mhux biss ghaliex imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta b'xi mod … … … … … ottjeniet il-kunsens taghha (*ghas-sub-appalt moghti) *imma ukoll ghaliex hu adegewatament ippruvat li s-socjeta' kjamata fil-kawza* (it-terz) *inkarigata mis-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet taghha bhala trasportatur li tassigura li l-merkanzija fdata f'idejha kontra kull riskju bhal dak li kkaguna d-danni reklamati f'din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta s-sottomissjoni li dak li gara kien incident li sehh indipendentement mill-volonta' tas-socjeta' konvenuta … … Ma tistax taccetta li kien kaz fortuwitu fejn l-appellant nomine seta' jinvoka l-principju 'casus sentit dominus'."*

Illi minn dan isegwi l-istess socjeta` konvenuta hija responsabbli lejn is-socjeta' attrici ghal dan in-nuqqas fil-merkanzija *stante* li din l-unika relazzjoni kontrattwali ezistenti hija biss bejn il-partijiet li dahlu fl-istess ftehim ta' garr, u l-istess socjeta' konvenuta tirrispondi ghan-nuqqasijiet ta' terzi minnha imqabbda li jirraprezentaw lilha.

Illi fit-tieni lok mill-fatti kif proposti f'din il-kawza jirrizulta li kien hemm nuqqas serju fil-kustodja tal-istess affarijiet u dan peress li s-sewwieq halla wahdu l-istess trakk tant li dan insteraq u ghalhekk jidher li mic-cirkostanzi tal-kaz ma kienx hemm kustodja u sigurta' adatta sabiex jigi evitat li jsir tali serq u dan kemm mill-persuni jew ditta li kellha attwalment il-kustodja tal-istess *trailer*.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li s-socjeta` konvenuta ma setghatx tevita li jsir tali serq anke kkonsidrat il-fatt li l-istess socjeta` qabdet terzi persuni sabiex jiehdu hsieb l-istess merkanzija f'dak il-waqt tat-tragitt, u dan ghaliex is-socjeta` konvenuta li minn jedda qabdet lil terzi sabiex jiehdu hsieb l-istess merkanzija, xorta tibqa' responsabbbli hija ghall-istess merkanzija *di fronte* tas-socjeta` attrici u ghalhekk responsabbli wkoll ghall-atti ta' negligenza u traskuragni kommessi mill-persuni minnha nkarigati.

Illi *in oltre* minn imkien ma jidher li s-socjeta' konvenuta ippruvat, dak li huwa l-oneru taghha li tipprova, li kieku giet applikata l-attenzjoni necessarja u kura ragonevoli li wiehed jistenna minn depositarju jew trasportatur tal-oggetti, tali nuqqas u serq kien xorta jsehh. Illi anzi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li kieku l-istess trasportaturi ta' l-istess merkanzija ghamlu xogholhom sew u ndukraw l-istess *trailer* kif suppost u kif mistenni skond il-grad ta' *bonus pater familias* tali serq ma kienx isir. Dwar il-grad ta' responsabbilta' necessarja din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi fl-ismijiet **"John Galdes nomine et vs Joseph Bowman"** (P.A. (DS) 25 ta' Jannar 2002); **"Joseph Bowman nomine vs Anthony Mizzi et"** (P.A. (TM) 20 ta' Mejju 2003); u **"Charles Borg nomine vs Francis Vella et nomine"** (P.A. (PS) 31 ta' Jannar 2003).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li jinghad minn ***David Glass u Messent*** **– "CMR, Contracts for the International Carriage of Goods by Road"** u cjoe':-

*"Theft from a lorry by a third party is a situation which is difficult for a carrier to justify as an unavoidable circumstance, the consequences of which he is unable to prevent. Generally the prudent carrier will be able to prevent theft if he takes adequate precautions. So where a carrier left an unguarded lorry parked at the frontier during the night he was liable for the theft….".*

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha tat-3 ta' Dicembru 1998 din ukoll qed tigi michuda ghaliex kif inghad ic-**CMR Conditions** ma' japplikawx ghall-kaz *de quo* u l-kwistjoni ta' responsabbilta' giet gja risolta f'din id-decizjoni u ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba attrici qed jigu milqugha.

Illi dwar danni jidher li mhux kontestat li l-valur tal-merkanzija kien ta' hamest elef, mitejn u seba' liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm5,207.33) u dan kif jirrizulta minn Dok. "T" u kif spjegat fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici datata 20 ta' Ottubru

2004, u ghalhekk t-tielet u raba’ talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-istess ammont ta’ Lm5,207.33, anke peress li tali ammont lanqas gie kkontestat mis-socjeta’ konvenuta.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta inkluzi l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-artikolu 32 tal-*International Carriage of Goods by Road Convention* fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta datata 3 ta’ Dicembru 1998 u l-eccezzjonijiet l-ohra ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-artikolu 3 (6) tal-Hague Rules kif migjuba fil-Kap 140 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 544 (e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta kontenuti fin-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta datata 11 ta’ Mejju 2005, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta konvenuta fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha datata 3 ta’ Dicembru 1998 **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta naqset milli tikkonsenja l-istess merkanzija lis-socjeta` attrici skond kif kien miftiehem bejniethom minkejja li din kienet giet assenjata lilha;

2. Tiddikjaraha responsabbli ghad-danni kkagunati minnha lis-socjeta` attrici;

3. Tillikwida d-danni minnha kkagunati lis-socjeta` attrici fl-ammont ta’ hamest elef, mitejn u seba’ liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm5,207.33).

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ta’ hamest elef,

mitejn u seba’ liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm5,207.33).

Bl-interessi legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata l-1 ta’ April 1998 kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------